# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ġimgħa, 29 ta' April 2022**

**Rikors numru: 33/2013 BS**

**Bella Claudia Nicoletta Cassar**

**-vs-**

**Anthony Cassar**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors għall-ħruġ ta'mandat ta' qbid ta' ħwejjeġ immobbli u bejgħ bl-irkant bin-numru 33/2013 ippreżentat fil-15 ta' Ottubru, 2013[1];

Rat id-digriet tat-28 ta' Ottubru, 2013 li permezz tiegħu ġie ordnat il-bejgħ bis-subbasta tal-immobbli msemmija fir-rikors[2];

Rat il-minuti ta' liberazzjoni tal-15 ta' Settembru, 2014[3];

---

[11] A fol 1 sa fol.5 tal-proċess
[22] A fol 480 tal-proċess
[3] A fol 775 sa fol.781 tal-proċess

Rat iċ-Ċedola ta' Depożitu li saret minn Joseph u Carmela sive Carmen konjugi Said tas-19 ta' Settembru, 2014 bin-numu 261/2014[4] u ċ-ċedola ta' depożitu bin-numru 263/2014[5] li saret minn Joseph u Cettina konjuġi Cassar fit-22 ta' Settembru, 2014;

Rat ir-rikors għal żbank tas-6 ta' Ottubru, 2014 ippreżentat minn Lombard Bank p.l.c (C-1607)[6];

Rat id-digriet tal-Qorti tas-7 ta' Ottubru, 2014[7];

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi tal-5 ta' Dicembru, 2014[8];

Rat id-digriet tal-ftuħ tal-konkors tal-kredituri tas-16 ta' Jannar, 2015[9];

Rat in-nota tal-Lombard Bank p.l.c tas-26 ta' Jannar, 2015[10];

Rat ir-rikors ta' Automated Revenue Management Services (C46054) tat-23 ta' Jannar, 2015[11];

Rat ir-rikors tas-socjetà bankarja APS Bank Limited tas-26 ta' Jannar, 2015[12];

Rat ir-rikors ta' Malta Industrial Parks Limited (C28965) tal-4 ta Frar, 2015[13];

Rat ir-rikors tal-Kummissarju tat-Taxxi tat-18 ta' Frar, 2015[14];

---

[4] A fol 788 tal-proċess
[5] A fol 790 sa fol 793 tal-proċess
[6] A fol 804 sa fol 805 tal-proċess
[7] A fol 806 tal-proċess
[8] A fol 866 sa fol 867 tal-proċess
[9] A fol 886 tal-proċess
[10] A fol 892 sa fol 893 tal-proċess
[11] A fol 896 sa fol 897 tal-proċess
[12] A fol 903 sa fol 904 tal-proċess
[1313] A fol 923 sa fol 924 tal-proċess
[14] A fol 928 tal-proċess

Rat ir-rikors tas-socjetà GSD Marketing Limited gia "Falcon Wines & Spirits Ltd" (C3774) tal-20 ta' Frar, 2015[15];

Rat ir-rikors tas-socjetà General Soft Drinks Co. Ltd. ta' l-20 ta' Frar, 2015[16];

Rat ir-rikors tal-eżekutanta Bella Claudia Nicoletta Cassar tat-3 ta' Marzu, 2015[17];

Rat li fis-seduta tas-6 ta' Marzu, 2015 ġie maħtur Dr Richard Galea Debono bħala perit legali sabiex jirrediġi rapport dwar il-konkors ta' kredituri[18];

Rat in-nota ta' ARMS Limited tat-28 ta' Lulju, 2015[19];

Rat in-nota ta' Lombard Bank Malta p.l.c. tad-29 ta' Lulju, 2015[20];

Rat in-nota tal-Bank APS Limited tat-30 ta' Lulju, 2015[21];

Rat in-nota ta Bella Claudia Nicoletta Cassar tat-30 ta' Lulju, 2015[22];

Rat in-nota tal-Kummissarju tat-Taxxi tat-12 ta' Awissu, 2015[23];

Rat in-nota tal-Bank APS Limited tat-8 ta' Marzu, 2016 li permezz tagħha ġie ddikjarat illi l-Bank APS ma għandux aktar interess fil-konkors odjern[24];

Rat illi fil-25 ta' Mejju, 2016 Bella Claudia Nicoletta Cassar ippreżentat rikors li permezz tiegħu talbet li tassumi l-atti tal-proċeduri odjerni u

[15] A fol 932 tal-proċess
[16] A fol 933 tal-proċess
[17] A fol 942 tal-proċess
[18] A fol 944 tal-proċess
[19] A fol 950 tal-proċess
[20] A fol 1050 tal-proċess
[21] A fol 1066 tal-proċess
[22] A fol 1085 tal-proċess
[23] A fol 1086 tal-proċess
[24] A fol 1101 tal-proċess

dana minflok il-Lombard Bank p.l.c. .[25] Din it-talba intlaqgħet seduta stante fis-27 ta' Mejju, 2016[26];

Rat ir-relazzjoni tal-perit ġudizzjarju ppreżentata fis-26 ta' Awissu 2020[27];

Rat illi fis-seduta tal-24 ta' Settembru, 2021 din il-Qorti kif diversament ippreseduta irrikuzat ruħha għar-raħunijiet mogħtija fil-verbal tal-istess seduta[28];

Rat illi din il-Qorti kif preseduta appunta r-rikors għal ezami tar-rapport għas-seduta tal-21 ta' Jannar, 2022;

Rat illi fis-seduta tal-4 ta' Marzu, 2022 ir-rikors ġie differit għas-sentenza tal-lum;

Rat li ma hemmx ostakolu sabiex il-kawża tkun deċiża llum;

**Ikkunsidrat:**

Permezz ta' rikors għall-ħruġ ta mandat ta' qbid ta' ħwejjeg immobbli u bejgħ bl-irkant Bella Claudia Nicoletta Cassar ippremettiet illi hija ġiet kanonizzata kreditrici tad-debitur Anthony Cassar fl-ammont kumplessiv ta' mija wieħed u erbgħin elf erba' mija disgħa u tletin ewro (€141,439) u dan permezz ta' tliet ittri uffiċjali[29] ppreżentati ai termini tal-Artikolu 253(b) u l-Artikolu 256(2) u ittra oħra[30] ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 Liġijiet ta Malta.

Tgħid ukoll li dawn l-ittri kollha ġew debitament notifikati lid-debitur Anthony Cassar. Tgħid ukoll illi l-ammont minnha identifikat għad ma jinkludix l-imgħaxijiet u spejjeż u għalhekk tirriżerva id-dritt li titlob il-ħlas tagħhom fi stadju ulterjuri.

---

[25] A fol1103 tal-proċess
[26] A fol 1116 tal-proċess
[27] A fol 1152 tal-proċess
[28] A fol 1180 tal-proċess
[29] Bin-numru 703/2010, 704/2010 u 780/2011
[30] Bin-numru 31/2020

Ir-rikorrenta kreditriċi tgħid ukoll illi dan il-kreditu huwa munit b'ipoteka iskritta b'mod ġenerali u speċjali bin-numru 001462/2009.

Fl-istess rikors ir-rikorrenta telenka numru ta' proprjetajiet u titlob illi filwaqt li l-Qorti tordna l-ħruġ tal-mandat ta' qbid ta' immobbli fuq il-proprjetajiet minnha msemmija fl-istess rikors, tordna il-bejgħ tal-istess bis-subbasta sabiex hija tkun tista tissodisfa l-kreditu dovut lilha. Flimkien mar-rikors ir-rikorrenta eżekutanti pprezentat ir-riċerki.

Sussegwentement sar il-bejgħ bis-subbasta u wara tali bejgħ ġew depożitati żewġ ċedoli ta' depożitu 261/2014[31] u 263/2014[32] . Permezz taċ ċedola 261/2014 Joseph u Carmen konjuġi Said ippremettew illi wara l-atti tas-subbasta 33/2013 ġew liberati lilhom il-propjetajiet elenkati fl-istess ċedola għas-somma komplessiva ta' tlettax-il elf sitt mija u tmenin ewro (€13,680).

Permezz taċ-ċedola l-oħra 263/2014 Joseph u Cettina konjugi Cassar ippremettew illi wara l-atti tas-subbasta 33/2013 ġew liberati lilhom il-propjetà msemmija fl-istess ċedola għas-somma komplessiva ta' ħmistax-il elf ewro (€15,000).

Ġara li kien hemm oppożizzjoni ghall-izbank tal-fondi ddepożitati permezz taċ-ċedoli msemmija u għalhekk il-Qorti ordnat li ftuħ tal-konkors ta' kredituri.[33]

Mill-atti jirriżulta li kien hemm seba' kredituri jikkonkorru. Dawn kienu Lombard Bank p.l.c, GSD Marketing Limited, il-Kummissarju tat-Taxxi, Malta Industrial Parks Limited, APS Bank p.l.c, Automated Revenue Management Services Limited u Bella Claudia Nicoletta Cassar.

Jirriżulta wkoll li l-Kummissarju tat-Taxxi[34] u l-Bank APS[35] ippreżentaw nota ta' ċessjoni kull wieħed.

---

[31] Ippreżentata fit-13 ta' Settembru, 2014
[32] Ippreżentata fit-22 ta' Settembru, 2014
[33] B'digriet tad-19 ta' Diċembru 2014.
[34] Fis-seduta 27 ta' Mejju, 2016
[35] Fit-28 ta' Marzu, 2020

Fis-27 ta' Mejju, 2016, Bella Claudia Nicoletta Cassar tħalliet tassumi l-atti minflok Lombard Bank Malta p.l.c. biex b'hekk il-kredituri li kien għad fadal jikkonkorru kienu Bella Claudia Nicoletta Cassar, Automated Revenue Management Services Limited, GSD Marketing Limited u Malta Industrial Parks Limited.

Mir-relazzjoni tal-espert ġudizzjarju jirriżulta li wara li kkostata l-fatti kollha huwa ppropona l-pregradwazzjoni segwenti :-

**Fl-ewwel grad**: il-kreditriċi eżekutanti Bella Claudia Cassar għall-ispejjeż ġudizzjarji li wasslu ghas-subbasta 33/2013;

**Fit-tieni grad**: il-kreditriċi Bella Cassar bħala kreditriċi surrogata fid-drittijiet ipotekarji li kienu jispettaw lil Lombard Bank p.l.c. u dan in forza tal-ipoteki ġenerali li dan il-Bank kellu fuq il-propjetà kollha tad-debitur għas-somma komplessiva ta' żewġ miljuni, mija wieħed u tletin elf, tmien mija u għoxrin ewro u tmintax-il ċenteżmu ( €2,131,820.18) kif ukoll kull imgħax dovut.

L-espert legali kkonkluda li fid-dawl li *"...l-fondi ddepozitati ma jlahhqux biex jissodisfaw lanqas il-krediti hawn pregradwati, inutile li ssir indagini ulterjuri dwar gradi inferjuri ta pozjorita"*.[36]

**Ikkunsidrat.**

Din il-Qorti hija tal-fehma li l-għan ta' konkors ta' kredituri huwa li jistabilixxi liema kreditu jippregradwa fil-konfront ta' ieħor. Kawza ta' preferenza trid tkun validament reġistrata skont il-liġi. Barra minn dan, konkors ta' kredituri jintemm b'sentenza ta' Qorti. Wara li ssir analiżi tas-saħħa legali tad-diversi krediti, anke mill-punto di visto ta' pregradwazzjoni, il-Qorti tipprovdi konformement.

Dan premess, fil-każ tal-lum, jirriżulta li l-proċedura stabbilita fl-Art. 416 tal-Kap. 12 kienet debitament osservata. Jirriżulta wkoll li kien sodisfatt dak li jrid l-Art. 416(1) tal-Kap. 12 u ċjoè illi l-konkors huwa miftuħ għal

[36] A fol 1157 tal-proċess

iżjed minn żewġ persuni li jippretendu jeddijiet aqwa minn ta' ħaddieħor jew qabilhom. Din il-Qorti tikkondividi u tagħmel tagħha l-kostatazzjonijiet, l-osservazzjonijiet u l-konklużjonijiet tal-espert għall-finijiet tad-deċiżjoni tal-lum, billi jirriflettu korrettement l-assjem tal-provi akkwiżiti fl-isfond tad-dritt applikabbli għall-każ.

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi u l-motivi gia espressi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi dan il-konkors billi –

Tiddikjara li l-ammont sħiħ ta' flus li kienu depożitati taħt l-awtorità tagħha permezz ta' Ċedola ta' Depożitu Numru 261/2014 u permezz ta' Ċedola ta' Depożitu Numru 263/2014 għandu jservi sabiex titħallas Bella Claudia Nicoletta Cassar u ma ser jifdal xejn biex jitħallsu l-bqija tal-kredituri u li għalhekk dawk il-krediti sejrin jibqgħu insodisfatti.

Tordna lil Bella Claudia Nicoletta Cassar sabiex tħallas l-ispejjeż ta' dan il-proċediment, liema spejjeż għandhom fl-intier tagħhom jippregradwaw fl-ewwel grad.

(ft) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur